MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 627/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Fenech Yannic**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permess tieghu s-socjeta` attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, mija, tnejn u hamsin ewro, disgha u tletin centezmu (€1,152.39c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-*account* numru AC40160718 moghtija mis-socjeta` attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati 'IZY1' u Dok.'IZY2' prospett u ftehim ghal akkont relattiv; u Dok.'IZY3' estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.'IZY4' kopja ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 1668 a Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza ma' l-avviz tat-talba li gew immarkati min Dok.'IZY1' sa Dok.'IZY4'.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma ressaqx risposta, madanakollu l-konvenut deher ghas-seduta tal-14 ta' Novembru 2014 u bil-gurament tieghu giet ammessa t-talba tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta gustifikata t-Tribunal jilqa' it-talba u jordna lill-istess konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf, mija, tnejn u hamsin ewro, disgha u tletin centezmu (€1,152.39c) liema ammont ghandu jithallas permezz ta' rati mensili ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar, b' dan illi fl-eventwalita` illi l-istess konvenut jonqos milli jwettaq il-hlas, meta dan ikun dovut, allura kwalunkwe bilanc isir dovut fl-intier tieghu bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------